# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 85/2019**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Joey Camilleri**

Illum 27 ta' Marzu 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Joey Camilleri**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 469977(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fis-6 ta' Novembru 2018, għall-ħabta tal-10.30hrs ġewwa l-Marfa, limiti taċ-Ċirkewwa:

1. ħebb kontra l-persuna ta' Monika Citterova mingħajr ma darabha;

2. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kiser ir-regolament fejn meta ġiet stabbilita tariffa, kemm skont ir-Regolament 34 u kemm jekk le, il-Kaptan, l-operatur jew is-sid ta' bastiment kummerċjali ma setax jimponi jew jitlob tariffa ogħla minn dik stabbilita u ppubblikata, jew, jekk jiġi miftiehem ammont inqas, aktar minn dak l-ammont hekk miftiehem.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-12 ta' Marzu 2019, fejn il-Qorti, filwaqt li lliberat lill-imputat mit-tieni (2) imputazzjoni, wara li rat Artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabitu ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu għall-ħlas ta' ammenda ta' ħamsin Euro (€50.00) u rabtitu b'garanzija personali *ai termini* ta' Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex iżomm il-paċi ma' Monika Citterova u l-impjegati tal-kumpanija "Blue Waves".

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fil-21 ta' Marzu 2019 fejn talab lil din l-Qorti sabiex: *"tirriforma s-sentenza appellata billi ssib lill-imputat mhux ħati tal-ewwel akkuża."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant jitlob li din il-Qorti tirriforma s-sentenza tal-Ewwel Qorti billi ssibu mhux ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni.

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu, l-appellant jisħaq is-segwenti:

- Fi proċeduri kriminali ma tistax tirraġuna li żewġ xhieda huma aħjar minn xhud wieħed u li hija l-kwalita' u mhux il-kwantita' li għandha tgħodd u li barra dan l-appellant kellu xhud ieħor li dak in-nhar tas-smigħ tal-kawża ma setax jaqsam minn Għawdex għal Malta minħabba l-maltemp.

- Il-kwerelanta ppreżentat ritratt li għalih id-difiża kienet oġġezzjonat għaliex ma ngħatat ebda informazzjoni dwar meta ttieħed u li lanqas ma nġabet prova li l-grupp ta' nies fir-ritratt huwa l-istess grupp li fuqu sar it-tilwim.

- L-appellant kien ġewwa t-*ticketing booth* jaqta' l-biljetti. In-nies li kellu kien iltaqa' magħhom il-jum ta' qabel u kien ftiehem magħhom li jeħodhom Kemmuna hu. Il-kwerelanta bdiet tgħajjat sabiex tipprova teħodlu l-klijenti. Isostni li dan il-punt ma ssemmiex fis-sentenza tal-Ewwel Qorti meta huwa punt kruċjali. Dan huwa każ ta' kunflitt ta' provi li jista' jirriżulta biss fil-liberatorja. Kienet il-kwerelanta li ħolqot l-istorbju u dan biex tieħu l-klijenti lill-appellant.

**Ikkunsidrat**

Illi dan l-appell huwa effettivament wieħed dwar l-apprezzament tal-fatti li sar mill-Ewwel Qorti. Din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti sakemm din tkun waslet għad-deċiżjoni tagħha legalment u loġikament. Madanakollu l-Qorti eżaminat ix-xhieda kollha.

Illi fl-atti proċesswali jirriżultaw s-segwenti:

- Affidavit ta' **PS 1586 R. Attard** (*a fol.* 2) li fih jgħid li kien mar l-appellant jirrapporta l-għassa tal-Qawra fejn stqarr li waqt li hu kien fl-i*stand* tiegħu kienet marret is-*salesgirl* tal-kumpanija l-oħra bl-isem "Comino Ferries" u bdiet titkellem magħhom sabiex tbiegħ il-prodotti tagħhom. Jingħad li l-appellant kien qalilha biex tħalli l-klijenti u li hu mbuttaha.

- Affidavit ta' **PC 1034 Lorenzo Tabone** (*a fol.* 6) fejn jgħid li Monika Citterova rrappurtat li kienet marret tagħti l-*brochures* tal-kumpanija "Blue Waves" lill-grupp ta' nies u li l-appellant kien imbuttaha darbtejn u li mbagħad qalilha li kien ser jagħtihom *discount* u bagħatha tkellem lill-*manager* tagħha. Jgħid li Citterova rrappurtat ukoll li ma qalet xejn u marret 'l hemm għax kienet imbeżżgħa.

- Fil-PIRS Report (*a fol.* 7 *et seq.*) hemm li ċertu **Kevin Farrugia** qal li kien fl-i*stand* u Monika Citterova kienet barra tkellem grupp ta' turisti u li f'mument minnhom Joey Camilleri mar minn wara Citterova u mbuttaha u li Citterova daret u Joey Camilleri reġa' imbuttaha. Farrugia jgħid li Citterova marret lura ħdejn l-i*stand* waqt li Joey Camilleri telaq bil-vettura.

- Fid-depożizzjoni tagħha **Monika Citterova** (*a fol.* 30 *et seq.*) qalet li fis-6 ta' Novembru 2018 kienet fit-*ticket booth* tal-Marfa flimkien mal-kollega tagħha Kevin Farrugia. Tgħid li dan kien qal lil waħda mill-grupp li la kienu erbatax seta' jagħtihom prezz ta' grupp u li mbagħad ħareġ Joey Camilleri u beda jgħajjat li ser joffrilhom trip b'dgħajsa privata. Tgħid li hi ħarġet biex tgħid lill-grupp li kellhom dgħajsa għalihom u li Joey Camilleri mar fuqha u mbuttaha b'idejh it-tnejn u li mbagħad reġa' imbuttaha u hija ċemplet lill-Pulizija.

  In <u>kontro-eżami</u> Citterova qalet li ma kinitx taf jekk il-grupp kienx avviċina t-*ticketing booth* tal-kumpanija tagħha l-jum ta' qabel. Tgħid li l-appellant kien imbuttaha għaliex il-kollega tagħha kien tkellem man-nies qabilha. Tiddeskrivi l-

imbuttatura bħala waħda aggressiva tant li kważi waqgħet biha.

- Fid-depożizzjoni tiegħu **Kevin Farrugia** (*a fol.* 34 *et seq.*) jgħid li seta' jara kollox u ra lil ċertu Lorry, li jaħdem mal-kumpanija l-oħra, ikellem lill-grupp ta' nies li bdew isaqsuh fuq *brochure* tal-kumpanija fejn jaħdem ix-xhud. Jgħid li kien ħareġ jispjega li dak il-*brochure* kien tal-kumpanja fejn jaħdem hu u li wara li staqsew diversi dettalji oħra dwar it-trip, hu qalilhom li t-trip seta' jsir la kien hemm erbatax-il ruħ minkejja li d-dgħajsa tesa sbatax. Jgħid li huwa u dieħel lura fl-istand ra lil Joey Camilleri ħiereġ u li hu (Farrugia) qalilhom li seta' jagħtihom dgħajsa privata u li l-istess għamel l-appellant. Jgħid li ra lill-appellant jimbotta lil Monika Citterova darbtejn u li din qaltlu biex iċempel lill-Pulizija.

  In <u>kontro-eżami</u> Farrugia qal li l-ewwel marru tmienja minn nies imbagħad qalulu li kienu li ser ikunu erbatax.

- Fid-depożizzjoni tiegħu **Ian Azzopardi** (*a fol.* 38 *et seq.*) qal li kien l-uffiċju u Kevin Farruiga kien ċempillu dwar il-possibilita' ta' dgħajsa li tesa erbatax-il ruħ u wieġbu fl-affermattiv. Jgħid li ftit wara Farrugia kien qallu li lil Monika Citterova kien imbuttaha xi ħadd. Jgħid li hu ma rax l-inċident.

- Fid-depożizzjoni tiegħu l-appellant **Joey Camilleri** (*a fol.* 40 *et seq.*) qal li filgħaxija kien kellem lil grupp ta' sbatax (u mhux erbatax) u tah prezz. Jgħid li sieħbu Lorry Xuereb ma kienx jaf b'dan u beda jqassam il-*brochures*. Jgħid li meta kienu qed jaqtgħu t-*tickets* kienet marret Monika Citterova quddiem l-i*stand* tiegħu u bdiet tistieden lin-nies li ser iġġibilhom dgħajsa privata. Jgħid li qalilha biex tħallihom għax dak il-grupp kien għal magħhom u qalilha biex titlaq 'l hemm.

> In <u>kontro-eżami</u> nnega li ħareġ mill-i*stand* tiegħu. Jgħid li kien irrabjat fil-konfront ta' Monika Citterova u, mistoqsi għal darb'oħra, jgħid li huwa qatt ma ħareġ minn fejn kien.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ewwel parti tal-appell hija dwar il-kwistjoni ta' kwantita' – li l-prova ma tiddependix minn numru ta' nies. Dan huwa veru li ma tistax tasal għall-konklużjoni skont in-numru ta' nies li xehdu għal kull naħa. Imma ma jidhirx li l-Ewwel Qorti għamlet hekk. Fil-fatt l-Ewwel Qorti qalet hekk:

> "Il-Qorti, wara li semgħet il-verżjonijiet offruti mill-kwerelanti, mix-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni u mill-imputat, hija tal-fehma illi l-inċident seħħ eżattament kif iddeskrivietu Monika Citterova u kwindi l-imputazzjoni tirriżulta."

Illi minn din is-silta ma jirriżultax li l-Ewwel Qorti qagħdet fuq in-numri.

Illi dwar ix-xhud li ma xehedx quddiem l-Ewwel Qorti minħabba l-maltemp li nqala', il-Qorti tinnota li ma jirriżulta xejn mill-atti proċesswali dwar xi talba li setgħet għamlet id-difiża biex tiġbed l-attenzjoni tal-Ewwel Qorti dwar dan. Imbagħad hemm riferenza għal din il-problema fir-Rikors tal-appell imma mill-atti ma jirriżultax li dan ix-xhud instema'. Ir-regola hija li l-provi jinġiegħbu fl-Ewwel Qorti u mhux fl-istadju tal-appell. Il-Qorti m'għandhiex għalfejn ittawwal aktar dwar dan il-punt u b'hekk il-Qorti qed tiċħad l-ewwel parti tal-aggravju

Illi dwar dik il-parti tal-appell li tittratta dwar ir-ritratt, dan ir-ritratt imkien ma jissemma fis-sentenza bħala xi prova. Il-qofol tal-każ mhux kemm kien hemm nies jew jekk ir-ritratt hux veritjier jew le imma jekk l-appellant imbuttax lill-kwerelanta jew le. Għalhekk il-Qorti qed tiċħad it-tieni parti tal-aggravju.

Illi dwar il-kunflitt fil-provi mhux kull kunflitt iwassal għal-liberatorja. Il-Ġudikant li jippresjedi jista' jasal għall-konvinċiment morali li verżjoni waħda hija korretta u oħra mhix u hekk għamlet l-Ewwel Qorti. Żgur li l-Ewwel Qorti kienet korretta jekk tagħżilx il-verżjoni tal-kwerelanta jew inkella dik tal-imputat. Apparti dan, minn qari akkurat tal-affidavit ta' PS 1586 R. Attard jirriżulta hekk: "*Joey kompla jistqarr illi minn naħa tiegħu huwa mar fuq is-salesgirl u qalilha sabiex tħallihom bi kwiethom lill-klijenti tiegħu, kif ukoll huwa imbuttaha.*" Il-Qorti tinnota li d-difiża ma ressqitx lil PS 1586 R. Attard għall-kontro-eżami u tinnota wkoll li l-kliem "*huwa mar fuq is-salesgirl*" juri li l-appellant ma baqax fl-i*stand* kif kompla jgħid meta xehed. Kieku baqa' fl-i*stand* ma kien 'imur' xejn! Ma' dan jiżdied ukoll il-fatt li fl-affidavit tiegħu, PS 1586 Attard jgħid li l-appellant qallu li kien imbotta lill-kwerelanta.

Illi, meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad hawn fuq, il-Qorti tinnota mingħajr eżitazzjoni li dak rakkontat mill-kwerelanta Citterova huwa ħafna aktar konvinċenti milli dak li xehed l-appellant. Il-Qorti mhijiex taċċetta l-verżjoni tal-appellant li huwa kien qal lill-kwerelanta biex titlaq 'l hemm biss meta huwa kien ġewwa l-i*stand*. U dan jgħodd ukoll jekk teskludi x-xiehda ta' Kevin Farrugia li kien fuq il-post għalkemm ma jfissirx li hemm xi obbligu biex dan isir. Anzi, fil-fehma tal-Qorti x-xiehda ta' Kevin Farrugia tikkorrobora dak li xehdet il-kwerelanta u għandha ħafna aktar mis-sens komun milli l-verżjoni tal-appellant. Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad it-tielet parti tal-aggravju tal-appell.

Għaldaqstant, l-aggravji kollha mressqa mill-appellant ġew miċħuda.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell mressaq mill-appellant Joey Camilleri u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha. B'dan illi fir-rigward tal-garanzija personali li l-Ewwel Qorti imponiet fuq l-appellant *ai termini* ta' Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex

iżomm il-paċi ma' Monika Citterova u l-impjegati tal-kumpanija "Blue Waves" skont id-digriet anness mas-sentenza tal-Ewwel Qorti bil-garanzija ta' sena f'obbligu li jħallas elf Euro (€1000) jekk tinkiser tibda għaddejja mal-għoti tas-sentenza tal-lum.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**